

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 399/2008**tal-5 ta' Mejju 2008****li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għal ċertu ikel ipproċessat ta' annimali domestiċi****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ġejjin mill-annimali jkunu diġà ġew ttrattati skond l-istandards ta' ipproċessar għat-tqegħid fis-suq fil-Komunità. Dawn l-istandards jipprovdu għal ħarsien xieraq kontra riskji għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli ta' saħħa li jirrigwardjaw prodotti sekondarji mill-annimali li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 20(1)(a) u l-Artikolu 32(1) tiegħu,

- (4) L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistipula li d-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti, inkluża dik ta' ikel ta' annimali domestiċi pproċessat ma għandhomx ikunu iktar jew inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti fil-Komunità. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' dan l-ikel ta' l-annimali domestiċi pproċessat għandhom ukoll japplikaw għall-produzzjoni ta' dan l-ikel ta' l-annimali domestiċi pproċessat fil-Komunità.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistipula r-rekwiżiti ta' saħħa pubblika u dik ta' l-annimali għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti li ġejjin minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

- (5) L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għandu għalhekk jiġi emendat.

- (2) L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistipula r-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' ikel għall-annimali domestiċi, dogchews u prodotti tekniċi. Il-Kapitolu II B(3) ta' dan l-Anness jistipula li ikel ipproċessat ta' l-annimali domestiċi għajr għal ikel fil-bottijiet irid jgħaddi minn ċertu trattament ta' sħana matul l-ipproċessar.

- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

- (3) Ir-rekwiżiti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ikel ipproċessat ta' l-annimali domestiċi għajr għal ikel fil-bottijiet ġew emendati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 829/2007 ⁽²⁾; l-ċertifikat mudell ta' saħħa għal ikel ipproċessat ta' l-annimali domestiċi għajr għal ikel fil-bottijiet li jrid jakkumpanja l-kunsinni impurtati ġie modifikat. Skond l-ċertifikat ta' saħħa ġdid stabbilit fil-Kapitolu 3(B) ta' l-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, l-ikel ta' annimali domestiċi ipproċessat ma għandux jiġi ttrattat bis-sħana jekk l-ingredjenti wżati li

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2007 (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 13).

⁽²⁾ ĠU L 191, 21.7.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) 1256/2007 (ĠU L 282, 26.10.2007, p. 30).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-paragrafu B(3) tal-Kapitolu II qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“3. Ikel għall-annimali domestiċi pproċessat għajr dak fil-bottijiet irid:

- (a) ikun suġġett għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C fis-sustanza kollha tal-prodott finali;
- (b) ikun suġġett għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C ta' l-ingredjenti li ġejjin mill-annimali; jew
- (c) jiġi prodott għal dawk li huma ingredjenti li ġejjin mill-annimali bl-użu esklużiv ta':
 - (i) laħam jew prodotti mill-laħam li ġew soġġetti għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C fis-sustanza kollha tagħhom;
 - (ii) dawn il-prodotti sekondarji li ġejjin mill-annimali jew prodotti pproċessati li ġew ipproċessati skond ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament: ħalib u prodotti b'bażi ta' ħalib, ġelatina, proteina idrolizzata, prodotti mill-bajd, kollagenu, prodotti mid-demm, proteina pproċessata mill-annimali inkluż dqiq tal-ħut, xaħam imdewweb, żjut tal-ħuta, fosfat dikalċiku, fosfat trikalċiku jew interjuri għat-taħwir.

Wara t-trattament bis-sħana, għandha tittieħed kull prekawżoni li tiżgura li dan l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi ma jkunx espost għal kontaminazzjoni.

L-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi għandu jiġi ppakkjat f'kontenituri ġodda.”
